# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Gunju 2002.**

**Numru 68**

**Citaz. Nru 171/96 DS**

Gasan Insurance Agency Limited u dina bhala rapprezentatrici tas-socjeta` assik uratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Publius Borg, u b'nota tas-7 ta' Marzu 2000 is-socjeta` GasanMamo Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta` assikuratrici estera CGU Insurance plc gia` General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Publius Borg, assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta`

Gasan Insurance Agency Limited fil-kwalita` fuq premessa

vs

Jacqueline Galea, u b'digriet ta' l-10 ta' April 1997 intervjena fil-kawza *in statu et terminis* Joseph Vincent Rausi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Rausi Insurance Services Limited u din bhala agenti tal-kumpanija estera G.D. Williams Lloyda Syndicate kif surrogat bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assikurata tieghu Jacqueline Galea

Illum, 21 ta' Gunju 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-18 ta' Jannar 1996 li permezz taghha s-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi fis-17 ta' Mejju 1995 ghal habta tas-2.00 p.m. fil-limiti ta' San Giljan waqt li l-konvenuta Jacqueline Galea kienet qed issuq il-vettura b'numru ta' Registrazzjoni L-4380 imhabba traskuragni u nuqqas kbir ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku hija habtet mall-vettura numru ta' Registrazzjoni Z-4292 propjeta ta' Publius Borg u li dak il-hin kienet qed tinsaq minnhu.

Illi b'konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura ta' Publius Borg numru ta' Registrazzjoni Z-4292 garrbet hsarat konsiderevoli izda billi din il-vettura

kienet assikurata “comprehensive” mas-socjeta’ assikurattrici attrici u billi saret claim ma’ din l-istess socjeta’ minn Publius Borg, l-assikurazzjoni hallset ghat-tiswija ta’ din il-vettura is-somma ta’ Lm699.51,0 u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi s-socjeta assikurattrici attrici hallset ukoll a tenur tal-kundizzjonijiet tal-Polza xi ammonti ohra dovuti lill-terzi u cioe’ ghas-survey u ghar-rapport tal-Pulizija, u dana wkoll b’konsegwenza ta’ dan l-incident u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. B’kollox l-assikurazzjoni halset is-somma ta’ Lm709.51,0.

Illi l-konvenuta interpellata biex taghmel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta’ assikurattrici baqghet inadempjenti u ghalhekk kella issir din ic-citazzjoni.

talbet li din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja:

1. tiddikjara unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fis-17 ta’ Mejju 1995 fil-limiti ta’ San Giljan bejn il-vetturi misjuqa mill-konvenuta u dik misjuqa minn Publius Borg.
2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-socjeta’ attrici u risultanti minn dan l-incident tat-traffiku fl-ammont ta’ seba mija u disa liri Maltin u wiehed u hamsin centezmi (Lm709.51,0) jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma’ l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, komprizi dawk ta' l-ittra Ufficjali datata 20 ta' Awissu 1995 u ta' ittra Ufficjali ohraipprezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni indirizzat lill-assikurazzjoni tal-konvenuta, li tibqa minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata baqghet kontumacja;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ipprezentata mis-socjeta` intervenuta fil-kawza fl-14 ta' Novembru 2001 fejn qalet:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-incident in kwistjoni ma garax tort tal-konvenuta imma tort ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici meta ittanta li jaghmel sorpass waqt li l-attrici kienet ser iddur biex tidhol go St. Cathrine School.

Salv Eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-5 ta' Gunju 1997 fejn giet nominata l-assistenta gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi sabiex tigbor il-provi;

Rat il-verbali kollha tax-xiehda, id-dokumenti esibiti u l-atti l-ohra tal-kawza;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ipprezentata mis-socjeta` attrici;

Ikkunsidrat illi:-

**Il-provi**

**P.S. 845 Peter Cini** xehed li meta mar jinvestiga l-kollizjoni in kwistjoni, il-konvenuta Jacqueline Galea qaltlu li kienet wieqfa biex iddur lejn St. Patrick's Housing Project u dahlet karrozza ohra fuqha fuq wara. Ix-xufier tal-karrozza l-ohra Publius Borg qallu li waqt li kien tiela' minn St. Andrew's lejn Bahar ic-Caghaq, il-karrozza l-ohra waqfitlu f'daqqa u taha daqqa fuq wara; fuq il-post qallu li kienet wieqfa mal-*white line* u bid-daqqa spiccat fuq in-naha opposta tat-triq kif jidher fl-iskizz li huwa esebixxa kopja tieghu.

P.S. Cini esebixxa wkoll kopja ta' l-okkorrenza fejn insibu miktub testwalment: *"Minn stharrig li sar fuq il-post maz-zewg xufiera rrizulta li waqt li karrozza L-4380 kienet wieqfa biex iddur lejn St. Patrick's Housing Project, karrozza Z-4292 li kienet gejja minn wara sejra lejn Bahar ic-Caghaq, dahlet fuq wara ta' karrozza L-4380".*

**Publius Borg**, l-assikurat tas-socjeta` attrici, spjega l-incident b'mod sintetiku ferm: *"Il-karrozza l-ohra kienet wieqfa fuq in-naha tax-xellug tat-triq, bla ebda indicator u sinjali. Jien bqajt miexi dritt, u f'daqqa wahda qalghet min-naha tax-xellug u gibdet lejn il-lemin, fejn hemm apertura fit-triq. Hi qaltli 'Imn'Alla ma kellix it-tfal mieghi', u qaltli 'Ha mmur nigbor it-tfal'.*

**Valerie Borg**, il-mara ta' Publius Borg, kienet riekba fuq is-*seat* ta' wara (fil-karrozza l-konjugi Borg kellhom koppja Ingliza maghhom u fuq il-*passenger seat* ta' quddiem kien hemm riekba l-mara, certa Mrs. Rixon). Hija qalet li t-triq kienet *clear* meta f'daqqa wahda rat il-karrozza tal-konvenuta taqsam it-triq (*"go across the road"*). Zewgha pprova jiskapulaha u bbrejkja izda xorta sehhet il-kollizjoni.

**Il-konvenuta** qalet li hija kienet gejja mid-direzzjoni ta' Pembroke u waqfet fejn tista' ddur lejn il-lemin bl-*indicator* mixghul. Hija setghet tara karrozza gejja minn warajha u karrozza ohra (dik ta' Publius Borg) qed taghmel manuvra ta' *overtaking* sa mil-liwja li hemm aktar lura. Huwa qabez dik il-karrozza izda mbaghad sab lilha fit-triq u ghalhekk baqa' diehel fiha. Hija cahdet li kienet fuq ix-xellug tat-triq u sostniet li fil-mument tal-kollizjoni kienet wieqfa ma' genb il-linja bajda f'nofs it-triq. Qalet ukoll li l-karrozza ta' Borg halliet *brake-marks* u li bid-daqqa giet imbuttata ghan-naha l-ohra tat-triq. Ikkonfermat li riedet tmur l-iskola ta' St. Catherine's ghal uliedha.

**Konsiderazzjonijiet ta dritt**

<u>*Turning to the Right*</u>

L-awtur Buchanan fil-ktieb "Liability in Motor Cases", f'pagna 29 ighid:-

> *"In cases of collisions between an overtaking motorist and a right-turning motorist being overtaken, it is first of all necessary to have regard to the duties of the right-turning motorist.*
>
> *Early decisions tended to consider that all the turning motorist was required to do was to give a clear indication to following motorists of his intention. As regulations requiring a motorist to have a clear view through his rear-view mirror of following traffic became stricter, it became the duty of the driver to keep a look-out both in front and behind. He no longer complies with his duty unless, after giving his turning signal, he takes reasonable steps to satisfy himself that following traffic has both seen and reacted to his signal, which, it is submitted, boils down*

*to taking reasonable steps to ensure that there will be no traffic in the process of overtaking him as he makes his turn".*

Dawn il-principji gew affermati f'diversi sentenzi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fosthom **Clarke vs Aquilina**, 6 ta' Dicembru 1977; **Sciberras vs Zammit**, 13 ta' Lulju 1978; **Azzopardi vs McCarthy**, 20 ta' Settembru 1978; **Deguara vs Mallia**, 25 ta' jannar 1983; **Gendrex vs Vassallo**, 15 ta' Jannar 1988; u **Duca vs Mifsud**, 15 ta' Gunju 1988.

L-artikolu 85 tal-Highway Code ighid:

"Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic. Signal your intention and, when safe to do so, take the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn".

U l-artikolu 79 ighid:

*"When changing direction, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your* mirror".

L-awtur Gibb f'"Trial of Motor Car Acident Cases", f'pagna 85 ighid:

*"A motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some regulation. In so doing, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence, if he turns his car to the right across the path of an approaching vehicle ... making it impossible for the driver of the rear car to avoid a*

*collision.... The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care ....”*

U l-istess awtur ighid f’sezzjoni 101:

*“It is not enough to sound the horn or give some other signal; it is also necessary that such warning be given at the proper time and place. The signal should be given so that it will serve its purpose.*

....

*The driver’s duty is not confined to making signals; he must see, so far as he can see, that they have been understood and he may be guilty of careless driving if he drives on after making one without so seeing”.*

F’**Il-Pulizija vs Gaetano Sapiano** (Appell Kriminali, 21 ta’ Novembru 1936, Vol. XXIX.iv.557) gie ritenut li *“mhux bizzejjed li wiehed jaghmel sinjali biex juri x’mossa ikun ser jaghmel waqt li qieghed isuq, imma hemm bzonn li dawk is-sinjali jaghmilhom fil-hin u fil-lok opportun biex jistghu jkollhom l-effett taghhom”.*

U f’**Il-Pulizija vs John Bartolo** (Appell Kriminali, 26 ta’ Gunju 1954, Vol. XXXVIII.iv.868), il-Qorti qalet: *“Min johrog l-‘indicator’ qieghed jaghti avviz lit-traffiku ta’ warajh u ta’ quddiemu, u hu fl-obbligu li jaghti dak l-avviz; imma mbaghad ma jistax, semplicement ghax hareg l-‘indicator’, jaghmel li jrid, jikser il-prijorita` li jaghtu r-regolamenti, u jaqleb ir-‘rule of the road’ favur tieghu”.*

<u>Overtaking</u>

Ghac-cirkolazzjoni ordnata tat-traffiku, regolament fondamentali huwa n-numru 63 tal-Motor Vehicles Regulations li jistabilixxi li vettura ghandha taqbez ohra minn fuq il-lemin. L-istess regolament jeccettwa mill-applikazzjoni tieghu l-kaz fejn vettura li trid tikser ghal go triq fuq il-lemin taghha, tieqaf *left of centre* biex thalli traffiku gej mill-faccata jilhaq ighaddi qabel ma hija tikser lejn il-lemin. F'dan il-kaz huwa legittimu li t-traffiku li jkun miexi warajha jaqlaghha minn fuq ix-xellug dment li jsib l-ispazju adegwat biex jaghmel dan (ara wkoll l-artikolu 72 tal-Highway Code).

Regola importanti hafna pero` biex jista' jsir sorpass hi li tali sorpass irid isir b'sikurezza ghas-sewwieq li jkun qieghed jeffettwa din il-manuvra u ghall-utenti l-ohra tat-triq (Ara Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Manwel Mallia**, 9 ta' Marzu 1959, Vol. XLIII.iv.1001; Appell Civili fl-ismijiet **Alfred Zammit Cutajar noe vs Joseph Formosa et**, 26 ta' Gunju 1961, Vol. XLV.i.253; Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Spiru Zammit**, 14 ta' Frar 1962, Vol.XLVI.iv.814; Prim'Awla fl-ismijiet **George Attard vs Charles Grima et**, 9 ta' Marzu 1992, Vol. LXXVI.iii.556).

Charlesworth fit-test "The Law of Negligence", pp. 78-79, 2nd edition, ighid:

> *"The driver of the overtaking vehicle, before attempting to overtake, should see that it is safe to do so…. A driver should not overtake at a corner or bend ... or at cross-roads. In all cases, it is the duty of the person overtaking to overtake only when he can do so without causing danger to other traffic".*

U l-Gibb, fit-test "Trial of Motor Car Accident Cases", para. 77 u 78, ighid:

*"He should wait for a suitable opportunity before attempting the passage, and he should not attempt to pass unless he can do so with reasonable safety…."*

*"If he finds that the surroundings are such that he cannot pass with safety, it is incumbent upon him either to stop his car or drop back to the position which he formerly occupied…."*

L-artikolu 71 tal-Highway Code jirrakkommanda: *"Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or others."*

U l-artikolu 74 tal-Highway Code jenfasizza: *"DO NOT OVERTAKE at or when approaching: ... (ii) a road junction; (iii) a sharp corner or bend …."*

Fil-kawza civili **Borg vs Ciantar** deciza in parte fid-9 ta' Novembru 1968 (PA.S), il-Qorti rriteniet li l-*onus* tal-prova li s-sewwieq tal-vettura ta' quddiem kien negligenti u bin-negligenza tieghu kkaguna l-kollizjoni jaqa' fuq is-sewwieq ta' l-*overtaking vehicle.*

**Konsiderazzjonijiet ta' fatt**

Bhalma hu evidenti mix-xiehda hawn fuq indikata, hemm verzjonijiet kontrastanti dwar kif gara l-incident. Dak li hu cert hu li z-zewg karrozzi kienu originalment gejjin mill-istess direzzjoni u filwaqt li l-konvenuta riedet iddur lejn il-lemin bl-iskop li tmur l-iskola ta' St. Catherine's ghat-tfal taghha, Publius Borg kien intenzjonat jibqa' sejjer fid-dritt lejn Bahar ic-Caghaq. Izda filwaqt li Borg isostni li l-konvenuta qabdet u mmanuvrat lejn il-lemin minghajr sinjal ta' xejn filwaqt li kien qieghed jissorpassaha, hija tghid li kienet xeghlet l-*indicator* u li fil-mument tal-habta kienet wieqfa.

F'dawn ic-cirkostanzi jridu jigu ezaminati sew il-provi l-ohra li tressqu mill-partijiet. Kieku wiehed kellu jistrieh biss fuq l-okkorrenza tal-pulizija fejn hemm indikat li l-karrozza tal-konvenuta kienet wieqfa biex iddur lejn il-lemin u giet milquta fuq wara mill-karrozza misjuqa mill-assikurat tas-socjeta` attrici, il-vertenza kienet tigi facilment solvuta. Izda l-istess P.S. Cini li esebixxa tali okkorrenza xehed li Publius Borg kien qallu li l-karrozza ta'quddiemu, dik tal-konvenuta, kienet waqfitlu f'daqqa u kien ghalhekk li dahal fiha. Ghalhekk wiehed ma jistax jistrieh fuq il-konkluzjoni apparenti li hemm fl-okkorrenza.

Il-konvenuta fix-xiehda taghha nsistiet li kienet wieqfa bl-*indicator* mixghul meta gara l-incident izda setghet tara zewg karrozzi gejjin warajha, it-tieni wahda dik ta' Borg li kien qieghed jissorpassa ta' quddiemu. Qalet li wara l-incident is-sewwieqa tal-karrozza l-ohra fil-fatt kelmitha. Jigi osservat li minn imkien iehor ma jirrizulta li kien hemm karrozza ohra bejn taghha u ta' Borg u wisq inqas li Borg kien qieghed jissorpassa tali karrozza. P.S. Cini ma jghid xejn dwar dan, la fix-xiehda tieghu, la fl-okkorrenza u lanqas fir-*Road Accident Report* fejn insibu li l-paragrafu 15 intitolat *Name of Witnesses and their Addresses* huwa ngassat. Publius Borg u martu Valerie Borg fix-xiehda taghhom ma jaghmlu l-ebda referenza ghal xi vettura ohra li setghu kienu qeghdin jissorpassaw. Il-persuna li allegatament kienet qed issuq il-karrozza l-ohra ma tresqitx bhala xhud f'dawn il-proceduri mill-intervenut fil-kawza.

Il-konvenuta sostniet li l-vettura ta' Borg halliet *brake marks*. Fl-iskizz tal-Pulizija ma jirrizultawx *brake marks*. Qalet ukoll li l-vettura ta' Borg garbet hsarat fuq quddiem kollu. Mill-iskizz tal-Pulizija u mir-ritratt esibit man-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici, jirrizulta li l-hsarat kienu fuq quddiem in-naha tax-xellug.

Fl-istess nota s-socjeta` attrici tghid li "kieku l-vettura tal-konvenuta kienet kif qed tghid hi, u cioe` thares lejn Bugibba, il-hsara fil-vettura taghha kienet tkun fuq wara kollu (u mhux biss fuq ix-xewka tax-xellug ta' wara), waqt li l-hsara fuq il-vettura ta' Borg kienet tkun fuq quddiem kollu. Fil-mument ta' impatt m'hemmx dubbju illi l-vettura ta' Borg kienet qed tinsaq fid-dritt, u kwindi biex il-vetturi garbu l-hsarat li garbu fil-postijiet rispettivi, dan ifisser illi fil-mument ta' l-impatt il-vettura tal-konvenuta kienet angolata thares fid-direzzjoni tal-Housing Project. Huwa proprju ghax din il-vettura kienet angolata illi l-verzjoni ta' kif gara l-incident, u kif deskritta minn Borg ghandha tkun il-verzjoni l-aktar verosimili." L-istes socjeta` attrici ssostni wkoll li galadarba ma jirrizultawx *brake marks*, dan "ifisser illi l-manuvra tal-konvenuta kienet wahda spontaneja u minghajr l-ebda indikazzjoni tant illi Borg ma kellux l-opportunita` li japplika l-*brakes*, izda li jiehu biss *evasive action* billi jigbed lejn il-lemin tieghu".

Il-Qorti tosserva li t-triq fejn gara l-incident hija wiesa' u, ghalkemm il-*flow* normali huwa *single line*, zewg vetturi jghaddu komodament hdejn xulxin fuq kull karreggata. Dan pero` jigri normalment meta vettura tkun se taghmel manuvra ta'sorpass. Mhux boghod wisq mill-post fejn il-konvenuta kienet se ddur biex tidhol fi triq fuq in-naha tal-lemin taghha, mid-direzzjoni ta' St. Andrew's, hemm liwja fit-triq u huwa certament rakkommandabbli li min ikun qieghed jimmanuvra dik il-liwja jzomm kemm jista' max-xellug u mhux mal-linja medjana. Huwa altament perikoluz li wiehed jipprova jissorpassa fil-liwja peress li facilment wiehed jista' jsib vettura wieqfa biex iddur ghat-triq fuq il-lemin.

Fil-fehma tal-Qorti dak li gara f'dan il-kaz kien li l-konvenuta kienet qed issuq fid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq max-xellug tat-triq izda billi riedet iddur fuq in-naha tal-lemin qasmet lejn in-nofs u waqfet. Sadattant Publius Borg kien qed

isuq vicin in-nofs, ra l-vettura tal-konvenuta u kien se jipprova jissorpassaha meta din qasmet lejn il-lemin, waqfet u minnufih giet id-daqqa li biha giet imbuttata ghal fuq il-karreggata opposta. Il-pozizzjoni tal-hsarat rispettivi tal-vetturi turi li fil-fatt il-konvenuta kienet angolata u Borg ipprova jiskapulaha billi gibed, *in the agony of the collision*, lejn il-lemin biex b'hekk laqat il-vettura tal-konvenuta fix-xewka ta' wara tax-xellug bix-xewka ta' quddiem tax-xellug tieghu.

Jekk il-konvenuta kienet intenzjonata ddur fuq il-lemin taghha, kellha minn qabel tiehu pozizzjoni fuq in-naha ta' barra tat-triq biex tkun lesta halli ddur bla ma tostakola traffiku iehor warajha li ried jibqa' sejjer fid-dritt, traffiku li allura jkun jista' jghaddi fuq ix-xellug taghha. Dan jidher li l-konvenuta ma ghamlitux izda jidher li kienet miexja aktar max-xellug tat-triq u li allura l-manuvra li ghamlet kienet aktar bruska minn dak li kien strettament mehtieg fic-cirkostanzi. Izda l-Qorti hija tal-fehma li anke Borg ikkontribwixxa ghall-incident peress li naqas li josserva hu wkoll id-diligenza mehtiega skond ir-regolamenti ghal sewqan prudenti. Difatti ma kienx imissu ttenta sorpass vicin il-*junction in kwistjoni* sakemm jassigura ruhu dwar l-intenzjoni tas-sewwieqa tal-vettura ta' quddiemu, u jekk Borg kien intenzjonat jibqa' niezel lejn Bahar ic-Caghaq kien imissu saq max-xellug u mhux, kif xehed P.S. Cini u ma giex kontradett, tiela' mal-*white line*, peress li sewwieq prudenti seta' jissoponi li f'dik il-lokalita` s-sewwieq ta' quddiemu seta' jibdel ir-rotta.

Konsegwentement il-Qorti tikkonkludi li z-zewg sewwieqa kellhom tort fl-incident izda f'sehem differenti: Borg kellu terz mit-tort mentri l-konvenuta kellha zewg terzi mit-tort.

**Likwidazzjoni tad-danni**

Is-socjeta` attrici talbet is-somma ta' Lm709.51 bhala danni. Is-somma ta' Lm699.51 tirrapprezenta l-ispiza ghat-tiswija tal-vettura ta' l-assikurat taghha (ara rcevuta Dok. A a fol. 4) filwaqt li Lm10 thallsu ghas-*survey report* u ghar-rapport tal-Pulizija. Ghalkemm ma gewx prezentati rcevuti dwar lahhar zewg *items*, jirrizulta li mac-citazzjoni giet esebita kopja tar-rapport tal-Pulizija u inoltre gie prodot bhala xhud Joseph Buttigieg li ghamel is-*survey* relattiv.

Inoltre l-ammont imsemmi ta' Lm709.51 ma giex kontestat.

Ghaldaqstant il-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici zewg terzi mis-somma ta' Lm709.51, u cioe` Lm473.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif intqal u ghalhekk:

(1) tiddikjara lill-konvenuta responsabbli fi kwota ta' zewg terzi ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni li gara fis-17 ta' Mejju 1995 fil-limiti ta' San Giljan bejn il-vettura misjuqa mill-konvenuta u dik misjuqa minn Publius Borg,
(2) tillikwida d-danni dovuti lis-socjeta` attrici fl-ammont ta' Lm473, u
(3) tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata ta' Lm473 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal terz mis-socjeta` attrici u zewg terzi mill-konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF**

**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**